# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 23 ta' Gunju 2021**

**Kawza Numru: 15**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 313/21 JVC**

**Neil Joseph Farrugia (K.I. 76587M) li b'digriet tat-23 ta' Gunju, 2021 gie korrett sabiex jaqra bhala Neil Joseph Harte maghruf izda Farrugia**

**vs**

**Id-Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Neil Joseph Farrugia kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. ‘Illi huwa twieled fit-13 ta’ Dicembru tas-sena 1967 f’Birmingham fir-Renju Unit u huwa bin Joseph Nicholas Harte u Josephine Harte nee` Kavanagh. Ic-certifikat tat-twelid tieghu kien registrat Malta u huwa registrazzjoni numru 765 tas-sena 1987. Kopja tac-certifikat tat-twelid tieghu hija annessa u immarkata bhala ‘Dok A’.

2. Il-genituri tieghu sseparaw meta huwa kellu eta` zghijra u wara s-separazzjoni ommu zzewget lil Francis Farrugia. Dan iz-zwieg sehh fid-19 ta’ Gunju tas-sena 1979.

3. Illi matul hajtu huwa dejjem ikkunsidra lil Francis Farrugia bhala missieru u fil-fatt hu kien juza l-kunjom tieghu. Fil-25 ta’ Frar 1985 huwa kien ghamel dikjarazzjoni formali (*deed poll)* fir-Renju Unit sabiex il-kunjom ufficjali tieghu jsir ‘Farrugia’. Din id-*deed poll* kien rikonoxxut mill-entitajiet Maltin. Kopja ta’ din id-*deed poll* hija annessa u immarkata bhala dok. ‘B’.

4. Illi fis-16 ta’ Ottubru 2000 is-siehba tar-rikorrenti welldet lil minuri Chelsea Farrugia u din il-minuri hadet kunjom l-esponent, peress li huwa l-missier. Koja tac-certifikat tat-twelid hawn anness u immarkata bhala dok. ‘C’.

5. Illi fit-2 ta’ Mejju 2004, l-esponent izzewweg lis-siehba tieghu Pauline Vella u hija hadet il-kunjom tieghu, jigifieri Farrugia. Kopja tac-certifikat taz-zwieg hija annessa u immarkata bhala dok. ‘D’.

6. Illi fuq id-dokumenti kollha, sew jekk pubblici jew inkella jekk privati huwa konsistentement maghruf bhala Farrugia. Intant fuq id-dokumenti bankarji, atti naturali, dokumenti tat-taxxa, karti tal-identita`, licenzja tas-sewqan u registru elettorali huwa dejjem kien maghruf bhala Farrugia.

7. Illi bl-istess mod anke fir-Renju Unit, huwa bl-istess mod huwa ilu konsistentement maghruf bhala Farrugia. Intant huwa ghandu fil-pussess tieghu passaport Ingliz bil-kunjom Farrugia fuqhu. Kopja ta' dan il-passaport huwa anness u immarkat bhala Dok. 'K'.

8. Illi l-esponenti qieghed jannetti ma' din l-applikazzjoni kopja ta' affidavit illi huwa ghamel, kopja ta' liema affidavit anness u immarkat bhala dok. 'L'.

9. Illi minkejja li l-esponenti kien konsistentement maghruf bil-kunjom 'Farrugia' f'Malta sa madwar hdax-il xahar ilu, meta inhargitlu l-karta tal-identita' l-gdida. Fuq din il-karta tal-identita' l-gdida huwa gie maghruf bhala Harte.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi wara d-debita publikazzjoni tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tordna illi "Neil Joseph Farrugia" huwa l-isem li l-esponenti juza ghalih u li bih huwa konsistentement imsejjah;

2. Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi, kull att, certifikat jew dokument relattiv ghall-esponenti biex b'hekk l-isem "Neil Joseph Harte" ghandu jigi kancellat u jigi sostitwit b'dak "Neil Joseph Farrugia".'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi qabel xejn, u għall-kull bon fini, l-Avukat tal-Istat għadu mhuwiex notifikat ai termini tal-artikolu 181B(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi in vena preliminari, huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li r-rikorrent jitlob ai termini tal-Artikolu 175 ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża fis-sens illi l-attur għandu jidher bhala 'Neil Joseph Harte' u mhux bħala 'Neil Joseph Farrugia', u dan stante li l-kunjom huwa dak li jappartjeni lilu skont l-Att tat-Twelid tiegħu li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 765 tas-sena 1987;

3. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti illi r-rikorrent ma ddikjarax taħt liema artikolu qed isejjes l-proċeduri istanti. Għaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma li jkun ta' benefiċċju jekk dan jiġi ddikjarat salv' pero' illi l-esponent jirriserva d-dritt tiegħu li jissoleva eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun hemm il-bżonn;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;

5. Illi bla ħsara għal premess, l-esponent jeċċepixxi ukoll illi għalkemm l-pożizzjoni tal-liġi tagħna hija kuntrarja għal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, għajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Liġi, huwa minnu wkoll li reċentement il-qrati tagħna kienu anqas riġidi fil-konsiderazzjonijiet tagħhom ta' talbiet għal bidliet bħal dawn;

6. Illi fir-rigward tad-*deed polls* jew *change of name deeds*, għalkemm dawn ma humiex regolati mil-liġi nostrana, għandu jiġi sottolinjeat illi l-Qrati tagħna ddeċiedew illi sabiex *deed poll/change of name deed* jkun jista' jiġi rikonoxxut f'pajjiż esteru, għandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll/change of name deed* ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tiegħu skont il-liġi tal-pajjiż konċernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' reġistrazzjoni[1]. B'referenza għal prinċipji indikati, l-esponent jirrileva li d-dokument li ġie ndikat mir-rikorrent u anness mar-rikors ġuramentat bħala 'Dok. B' m'huwiex id-*deed poll*, u għalhekk **l-esponent jeċċepixxi li r-rikorrent irid iġib prova tad-*deed poll* indikat**;

7. Illi fil-każ odjern, saret talba għar-reġistrazzjoni ta' Att tat-Twelid esteru tal-attur u flimkien ma' din it-talba, l-attur forna lid-Direttur konvenut bl-Att tat-Twelid esteru tiegħu, liema Att jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 1'. F'tali każ, l-esponent jissottolineja illi reġistrazzjoni ta' Att ta' Stat Ċivili ssir ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn id-Direttur konvenut jislet dik l-informazzjoni mill-Att tal-iStat Ċivili

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011, **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku**, deċiża mil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Lulju 2015, **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' April 2019.

esteru u jirreġistra l-istess *ad verbatim* fuq dak Malti. B'hekk, stante li d-dokument ipprovdut lill-esponent juri li l-isem u l-kunjom tar-rikorrent huma 'Neil Joseph Harte', id-Direttur konvenut ma kellux għażla oħra ħlief li jagħmel din ir-reġistrazzjoni bl-isem u l-kunjom li jinsabu fuq l-Att tat-Twelid oriġinali esteru. Għalhekk, l-esponent ipprovda lill-attur bl-Att tat-Twelid Malti bin-numru ta' iskrizzjoni 765 tas-sena 1987, liema Att tat-Twelid jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 2';

8. Illi fl-Att taż-Żwieġ bin-numru ta' iskrizzjoni 463 tas-sena 2004, liema Att taż-Żwieġ jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 3' u liem żwieġ seħħ f'Malta nhar it-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa (2004), ir-rikorrent huwa indikat bħala 'Neil Joseph Farrugia'. Din id-diskrepanza bejn iż-żewġ Atti tal-iStat Ċivili diġa' msemmija hawn fuq seħħet għaliex id-dettalji, ċioé l-isem u l-kunjom, imniżżlin fl-Att taż-Żwieġ huma dawk li jkunu ġew indikati mid-dokumenti uffiċjali preżentati dakinhar li ssir l-applikazzjoni taż-żwieġ. In oltre, b'konsegwenza tad-dikjarazzjoni relattiva magħmula mir-rikorrent stess u minn omm bintu fl-Att tat-Twelid ta' bint ir-rikorrent bin-numru ta' iskrizzjoni 4204 tas-sena 2000, liem Att tat-Twelid jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 4', ir-rikorrent ġie indikat bħala 'Neil Joseph Farrugia';

9. Illi stante s-suespost, l-esponent umilment jirrileva li għaldaqstant ma jirriżultax li kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni mill-esponent stess;

10. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

11. Illi mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll sabiex isiru l-korrezzjonijiet f'kull att, ċertifikat jew dokument relattiv tal-attur. Illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili korrezzjoni tista' **ssir biss f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi** kollha u mhux f'dokumenti uffiċċjali. Illi mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil tal-kunjom tar-rikorrent fl-Atti tal-iStat Ċivili tiegħu, l-esponent umilment jirrimarka illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, **ir-rikorrent għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv**;

12. Illi finalment u dan mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attur li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.'.

Rat illi fil-verbal tallum stess id-Direttur tar-Registru Pubbliku rtira t-tieni eccezzjoni tieghu;

Rat illi r-rikorrent fil-verbal tat-23 ta' Gunju, 2021 iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li jbati l-ispejjez hu;

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat, fosthom affidavit, certifikati, dokumenti tal-bank, licenzja, estratt mir-registru elettorali, att notarili, kif ukoll il-vera kopja tad-deed

poll- dokument NF1, esebita llum stess, li tevidenzja li fl-20 ta' Frar, 1985 ir-rikorrent rrinunzja ghal kunjom Harte u assuma l-kunjom Farrugia;

Ghaldaqstant in vista ta' din id-dokumentazzjoni l-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gjustifikati u se tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tordna illi "Neil Joseph Farrugia" huwa l-isem li r-rikorrenti juza ghalih u li bih huwa konsistentement imsejjah;

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi, kull att, certifikat jew dokument relattiv ghar-rikorrent fil-poter tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex b'hekk kull fejn hemm l-isem u l-kunjom "Neil Joseph Harte" dan ghandu jigi kancellat u jigi sostitwit b'dak ta' "Neil Joseph" ghal dak li hu l-isem u "Farrugia" ghal dak li hu kunjom ir-rikorrent.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Gunju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Gunju, 2021**